# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

Il-Pulizija

(Spettur Charlotte Curmi)

Vs

Carmel Camilleri

Il-Qorti

Illum 3 ta' Gunju, 2024

Rat l-imputazzjonijet fil-konfront ta' Carmel Camilleri, iben Joseph u Evangelista nee Gauci, imwieled fil-30/06/1962, ID 0424262M u joqghod 90, Dew Drops, Triq Vanilja, Mgarr, Malta.akkuzat talli fid-19 ta' Ottubru, 2021 ghall-habta ta' 15.00 hrs fi Triq Manduca, Siggiewi soqt vettura b'numru ta' registrazzjoni DBB 207;

1. U b'nuqqas ta' hsieb u bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, hbatt jew involontarjament ikkagunajt hsarat ghad-dannu ta' Paul Spiteri.

Il-Prosekuzzjoni titlob li tigi skwalifikat/a mill-licenzji kollha tieghek tas-sewqan.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f'kaz ta' htija minhabba li tinfliggi il-piena skont il-ligi, tnaqqas il-punti mill-licenzji tas-sewqan hekk kif stabbilit mill-L.S. 65.18 Art 36B u fil-65.18 Sitt Skeda.

Rat l-artikoli 328 (d) tal-Kap 9 u L.S. 65.18 Art 36B u fil-65.18 Sitt Skeda.tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda imressqa mill-Prosekuzzjoni.

Rat li l-imputat ghazel li ma jixhidx.

Rat l-atti kollha u d-dokumenti kollha ezebiti.

Semeghet it-trattazzjoni.

**Ikkunsidrat**

PS 1458 M Fenech xehed permezz ta affidavit dwar l-involviment tieghu f;dawn il-proceduri.

**Paul Spiteri,** xehed hekk

Pros: Sinjur inti rrapportajt xi ħaġa lill Pulizija?

Xhud: Iwa, Kienu qegħdin jirranġaw it-triq il-kuntrattur u kien hemm wieħed daħal bi trakk u qalali bicca mill-faccata.

Pros: Tiftakar meta kien? Il-faċċata fejn tinsab sinjur?

Xhud: Is-Siggiewi. Il-faċċata tad-dar tiegħi.

Qorti: Mhux bilfors trid ittina xi ħaġa iktar minn hekk, sinjur inti trid ittini l-provi mhux ha jtijielek bil-kuccarina l-Ispettur.

Xhud Qalali biċċa mill-hajt tal-faċċata.

Pros: Fejn tinsab il faċċata?

Xhud: Triq Manduca is-Siggiewi. Imbagħad kellimtu dejjem ħa nirranġa ħa nirranġa imbagħad kellimt lil pulizija u ma rranġaliex wara xi sena hallsuni tal-insurance parti mill-ispejjeż.

Pros: Tiftakar min ghamillek dal-hsarat sinjur?

Xhud: Eżatt le kien hemm it-trakk, kelli ritratt li jiena, jiġifieri illum ma ġġib xejn.

Qorti: Ghax l-ahhar darba ma giex.

Xhud: Ħadt ritratti ta' trakk u ammetta hu.

Pros: Qed nurik dar-ritratt x'taf tgħidli fuqhom sinjur.

Xhud: Hawnhekk noqgħod jiena dar tiegħi u hawnhekk dan il-pilastru fejn qalali fejn għamel il-ħsara.

Pros: Tiftakar meta kien bejn wieħed u ieħor?

Xhud: Settembru tas-sena l-oħra ezatt ezatt.

Pros: U meta tgħid irranġajt miegħu u spjegalna x' diskors intqal?

Xhud: Dak kien dak inhar rashom ma tlewwimna daqsxejn bid-diskorsi naturali.

Pros: Ma min?

Xhud: Ma min kien qed isuq it-trakk għax qalli ma nistax ngħaddi minn hawnhekk.

Pros: Qed tarah xi mkien ġo din l-awla.

Qorti: Ix-xhud indika l-imputat.

Pros: X`diskors intqal sinjur meta tlewwimtu?

Xhud: Ghedtlu ara x'ghamiltli u hekk uu u hu qalli għax m'għandix biex nidħol biz-zrar ghedtlu dik affari tiegħek ghedtlu jekk ma tistax tgħaddi ghedtlu hew ma tidħolx hu. miniex ngħid li għamilli apposta b`accident imma l-ħsara hemm kienet imbagħad meta għamel rapport l-għassa mort għamilt rapport l-għassa u baqa' għaddej il proċess hu dejjem ħa nsewwilek ha insewwilek iż-żmien għaddej. Imbagħad fl-aħħar dahhalt l-insurance.

Pros: M'għandix iktar mistoqsijiet.

Qorti: Kontro Ezami?

Avu: Le sinjura.

**Ikkunsidrat**

Ma ingabet l-ebda prova rigwardanti d-danni allegatament sofferti min Paul Spiteri u fin-nuqqas ma tistghax tinsab htija fl-impuata dwar l-imputazzjoni migjuba kontrih.

**Decide**

Rat l-artikoli 328 (d) tal-Kap 9 u L.S. 65.18 Art 36B u fil-65.18 Sitt Skeda.tal-Ligijiet ta' Malta u ghal dawn il-motivi ma ssibx lil Carmel Camilleri hati ta' l-imputazzjoni u tilliberah min kull htija u piena.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**
**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**
**Deputat Registratur**